**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 110 tas-17 ta' April 2023 dwar talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13**

Is-Sedja kkonsidrat it-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, sabiex il-Kamra tissospendi x-xogħol tagħha skont l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni ppreżentata mill-Onorevoli Membru u nikkwota:

> "Sur President
>
> Qed inressaq talba skot l-Ordni Permanenti 13 sabiex il-Kamra taġġorna biex tiddiskuti ħaġa definita ta' importanza pubblika urġenti.
>
> Il-ħaġa definita li qed nitlob li l-Kamra taġġorna biex tiddiskuti hija t-talba ta' Sinj. Isabelle Bonnici sabiex issir inkjesta pubblika dwar il-mewt traġika ta' binha Jean Paul Sofia nhar it-3 ta' Diċembru 2022 meta fl-età ta' għoxrin sena spiċċa mirdum taħt it-tifrik ta' binja f'Kordin.
>
> Illum omm Jean Paul Sofia qiegħda hawn quddiem il-bini tal-Parlament titlobna nieħdu azzjoni.
>
> Is-Sinj. Isabelle Bonnici bagħtet ittra lil kull Membru ta' din il-Kamra li fiha tenniet it-talba tagħha biex issir inkjesta pubblika dwar il-mewt ta' binha Jean Paul. F'din l-istess ittra s-Sinj. Bonnici qaltilna:
>
> > "Bħal ma tafu inkjesta pubblika tagħti r-rakkomandazzjonijiet fuq in-nuqqasijiet li hemm fis-sistema. Dawn joħorġu biss minn Inkjesta Pubblika, hekk biss jista' jkollna riforma li tagħti frott fis-settur tal-bini u l-kostruzzjoni. Hekk biss nistgħu nevitaw aktar imwiet u tbatija. Hekk biss jista' jkollna ġustizzja u trasparenza biex kull id imċappsa bid-demm ta' ibni u kull min ma għamilx xogħlu jħallas kif jixraq. Inkjesta tal-maġistrat twassal biss għal ġustizzja kriminali u dan jekk issib li kien hemm reat. Hija biss inkjesta pubblika li tista' twassal għal ġustizzja amministrattiva u twassal għal riforma sabiex dawk il-proċessi li huma ħżiena jew dgħajfa jissaħħu b'rispett lejn il-ħajja u s-sigurtà tan-nies."
>
> Din hija kwestjoni ta' importanza pubblika u urġenti u qaltilna tajjeb is-Sinj. Isabelle Bonnici fl-istess ittra tagħha:
>
> > "Il-poplu jixtieq riforma li taħdem mhux kliem fieragħ, irid ġustizja, irid trasparenza, irid kontabilità, irid is-sewwa.".
>
> Għalhekk qed inressaq din il-mozzjoni skont l-Ordni Permanenti 13 għall-Aġġornament tal-Kamra sabiex tiddiskuti din il-ħaġa definita ta' importanza pubblika urġenti kif għadni kif spjegajt.
>
> Sur President, qed ngħaddilek din id-dikjarazzjoni miktuba dwar is-suġġett li għandu jiġi diskuss skont kif għadni kif stqarrejt.

L-Onor. Bernard Grech"

Fil-kunsiderazzjoni tagħha s-Sedja rat ukoll l-interventi li għamlu l-istess Kap tal-Oppożizzjoni, u l-Onor Andy Ellul dwar din it-talba.

Is-Sedja tirrileva li kull meta ġiet trattata talba taħt dan l-Ordni Permanenti, dejjem rat jekk tali talba tissodisfax tliet rekwiżiti u ċjoè jekk il-materja hijiex materja definita, ta' importanza pubblika u urġenti.

Filwaqt li tagħraf, kif diġà ngħad fil-Kamra li l-materja hija definita u bla dubju ta' importanza pubblika, jeħtieġ li s-Sedja tkun sodisfatta dwar il-kweżit tal-urġenza. Irid jiġi nnotat mill-ewwel li l-element tal-urġenza huwa fundamentali għall-konsiderazzjoni tas-Sedja sabiex tasal għal deċiżjoni dwar jekk għandhiex tilqa' din it-talba li qed issirilha taħt l-Ordni Permanenti 13.

Kif diġà dikjarat minn din is-Sedja u minn diversi Speakers, meta tiġi biex tikkkonsidra dan l-element ta' urġenza, hija mhux biss tara jekk il-materja nnifisha hijiex urġenti iżda wkoll jekk din tkunx tant mgħaġġla li l-Kamra jkollha tissospendi x-xogħol tagħha sabiex tiddibatti tali materja għaliex inkella jkun tard wisq jekk id-dibattitu jsir fi stadju ulterjuri.

F'dan il-każ partikolari qed nitkellmu fuq talba għal inkjesta pubblika dwar il-mewta traġika ta' Jean Paul Sofia li miet fit-3 ta' Diċembru 2022 li dwarha fil-Qorti hemm inkjesta maġisterjali.

Hawnhekk is-Sedja tirrileva li jekk id-dibattitu jitħalla jsir f'dan l-istadju, m'għandha l-ebda garanzija li tista' tikkontrolla d-diskussjoni b'tali mod li ma tippreġudikax l-istess inkjesta maġisterjali li għada ma ingħalqitx u allura ma tippreġudikax ukoll id-drittijiet tal-persuni li jistgħu ikunu suġġett ta' proċeduri kriminali per konsegwenza ta' dan il-proċess ġudizzjarju.

F'dan ir-rigward is-Sedja tħoss li għandha tikkwota minn deċiżjoni tal-Ispeaker Louis Galea mogħtija fis-Seduta 35 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar materja li dwarha kienu għadhom għaddejjin investigazzjonijiet mill-pulizija:

> "Fil-każ li l-Kamra għandha quddiemha hemm materja li dwarha l-pulizija għadha qed tinvestiga skont il-liġi. Fi kliem il-Kap tal-Oppożizzjoni, hemm "suspett serju ta' reat kriminali".
>
> Is-Sedja, filwaqt li tikkondividi t-tħassib tal-Kap tal-Oppożizzjoni, tqisu prematur li tissospendi x-xogħol tas-seduta tal-lum biex tgħaddi għal diskussjoni fuq materja li dwarha jeħtieġ informazzjoni attendibbli li tista' tirriżulta aħjar mill-konklużjoni tal-investigazzjoni tal-pulizija."

Din l-istess pożizzjoni s-Sedja preżenti ħaditha fir-rulings li tat fis-Seduti 282 tal-25 ta' Novembru 2019, is-Seduta 283 tas-26 ta' Novembru 2019 u fis-Seduta 344 tas-16 ta' Ġunju 2020, fejn irreferiet għal parir legali u nikkwota:

> "Il-parir legali li għandha s-Sedja huwa li jekk tħalli d-diskussjoni fuq materja li hija sotto investigazzjoni u sub judice, tkun fil-fatt qed tagħti lok hija stess sabiex tinħoloq kriżi

> kostituzzjonali u istituzzjonali għaliex tkun qed tfixkel u tippreġudika l-andament ħieles tal-istess istituzzjonijiet, nirrepeti, stante li l-investigazzjoni għadha f'mument kritiku tant li mill-istess ruling tas-Sedja tal-bieraħ seħħew żviluppi importanti, u li kieku tħalla jsir id-dibattitu tal-bieraħ dan seta' faċilment jikkawża preġudizzju kemm fl-investigazzjoni, fil-proċess ġudizzjarju inkwerenti u wkoll fid-drittijiet preżenti u futuri tas-suspettati li sussegwentement jistgħu jiġu akkużati.
>
> Nirrepeti li dan kien il-bażi tal-argumentazzjoni ta' Speakers ta' qabli inkluż l-Ispeaker Louis Galea diġa kkwotat il-bieraħ."

Is-Sedja tieħu nota wkoll tal-Mozzjoni Nru 119 imressqa mill-istess Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor Bernard Grech, l-Onor Robert Cutajar, l-Onor Jerome Caruana Cilia, l-Onor Karol Aquilina u l-Onor Standley Zammit fis-7 ta' Marzu 2023 fejn fost affarijiet oħra qiegħda titlob li din il-Kamra tirriżolvi li l-Prim Ministru jaħtar Bord ta' Injkesta dwar il-mewt traġika taż-żagħżugħ Jean Paul Sofia skont l-Att dwar l-Inkjesti u li tali inkjesta għandha ssir fil-pubbliku u għandha tiġi mxandra b'mod awdjoviżiv fuq l-internet. F'dan ir-rigward is-Sedja ħadet nota tal-punt imqajjem mill-Gvern li minkejja li din il-Mozzjoni ġiet preżentata fis-7 ta' Marzu 2023, fis-seduta allokata għall-Oppożizzjoni skont il-Mozzjoni ta' Proċedura nru 87, din l-istess mozzjoni ma ttellgħatx għad-diskussjoni fis-Seduta tas-16 ta' Marzu 2023.

Mingħajr preġudizzju għall-argumenti hawn fuq imsemmija, is-Sedja jirriżultala li sal-lum ma kien hemm l-ebda żviluppi li jrendu l-materja tant urġenti u mgħaġġla li l-Kamra jkollha tissospendi x-xogħol tagħha b'mod immedjat sabiex tiddibatti tali materja għaliex inkella jkun tard wisq jekk id-dibattitu jsir fi stadju ulterjuri.

Filwaqt li s-Sedja tikkondividi l-preokkupazzjoni espressa mill-Kap tal-Oppożizzjoni fl-ispjega tad-dikjarazzjoni li ssottometta llum stess ai fini tal-Ordni Permanenti 13, hija ttenni li hija tassattivament marbuta proċeduralment bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u kif dawn ġew applikati b'mod kostanti u regolari minn Speakers oħra qabli, u għaldaqstant it-talba qiegħda tiġi miċħuda.

Ir-ruling huwa deċiż.